MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2010

Numru. 455/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**
**KONTRA**

**AHMED ALI SALIM EL GHEZAWI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Ahmed Ali Salim El Ghezawi ta' 28 sena, bin Ali u Isha nee' Garax, mwieled nhar id- 9 ta' Marzu 1981, Libya, residenti gewwa Kamra 204, Hotel San Gorg, Triq Ball, San Giljan u detentur tal- Karta tal- Identita' bin-numru 888297;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f' dawn il- Gzejjer nhar l- 10 ta' Mejju 2009 f' xi hin bejn l- 4.00am u l- 5.00am gewwa San Giljan;

1) bil- vjolenza, ikkommetta stupru fuq il- persuna ta' Melanie Porto;

2) bi vjolenza ikkommetta attentat vjolent ghall-pudur fuq il- persuna ta' Melanie Porto;

3) bla ordni skodn il- Ligi ta' awtorita' kompetenti u barra mill- kazijiet li fihom il- Ligi taghti s- setgha lil privat li jarresta lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija Melanie Porto kontra l- volonta' taghha, jew ta l- post biex din il- persuna tigi arrestata, mizmuma jew sekwestrata u dan bhala mezz biex l- imsemmija tigi mgieghela taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l- misthija tas- sess taghha.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat u Melanie Porto kienu ltaqghu nhar id-9 ta' Mejju 2009 tard fil-ghaxija gewwa stabbiliment f' Paceville bl-isem "Browns", u ghamlu hin hemmhekk flimkien ma' persuni ohra. Huma ghamlu lejl flimkien, u wara certu hin marru lejn il-lukanda fejn kien qed jirresjedi l-imputat u telghu gewwa l-kamra tieghu. Waqt li kienu t-tnejn fil-kamra, ghadda certu hin, u Melanie Porto telqet minn hemm fis-sieghat bikrin ta' fil-ghodu, l-10 ta' Mejju. Hi ghamlet rapport li waqt li kienet flimkien mal-imputat fil-

kamra tieghu, hu issekwestraha u stupraha kontra l-volonta' taghha. Ghalhekk il-Pulizija arrestaw lill-imputat u ressquh fuq dawn l-imputazzjonijiet. L-imputat, min-naha tieghu, innega li kien zamm lil Porto bi vjolenza, izda qal li dak kollu li huma ghamlu flimkien kien konsenswali.

Mill-provi prodotti rrisulta li veru Melanie Porto u l-imputat kienu qattghu hin flimkien gewwa Paceville fil-lejl bejn id-9 u l-10 ta' Mejju 2009, u huwa minnu wkoll li dak il-lejl stess Porto minn jeddha marret flimkien mal-imputat fil-kamra tieghu fil-lukanda fejn kien qed jirresjedi. X' seta kien l-iskop tat-tnejn li jmorru f'kamra gewwa lukanda wiehed jista' jissoponi. Fejn ma hemmx qbil huwa x' gara fil-kamra tas-sodda u immedjatament wara. Porto tghid li giet stuprata mill-imputat, wara li ppruvat b' kull mezz biex ma jkollhiex x' taqsam sesswalment mieghu, u mbaghad kellha tahrab mill-kamra fejn kienet qed tinzamm kontra l-volonta' taghha. L-imputat jichad li zamm lil Porto kontra l-volonta' taghha, u jghid li huma kellhom relazzjoni sesswali konsenswali. Ghalhekk il-Qorti trid tezamina l-provi prodotti biex tipprova tasal ghal verzjoni ta' fatti veritjiera f' din il-kawza.

Il-Qorti rat id-deposizzjoni ta' Melanie Porto moghtija fl-istadju tal-inkjesta, u din taqbel perfettament max-xiehda taghha moghtija *viva voce* quddiem din il-Qorti. Il-Qorti rat ukoll ir-rapporti tal-esperti medici mahtura fl-inkjesta, u huma dawn ir-rapporti medici li, in konkluzjoni taghhom, inaqqsu r-reat minn wiehed ta' stupru ghal wiehed ta' attentat vjolenti ghall-pudur. Minn dawn i-rapporti medici, esebiti fl-atti a fols. 48 u 53 tal-process, ma rrisultax li kien hemm stupru bil-vjolenza fuq Melanie Porto. Ghalhekk, in vista ta' dawn il-konkluzjonijiet medico-legali, il-Qorti ma tistax tikkonsidra l-ewwel imputazzjoni bhala ppruvata.

Jibqa' ghalhekk biex jigu kkonsidrati l-imputazzjonijiet l-ohra, u cioe' dik ta' attentat vjolenti ghall-pudur, u dik ta' sekwestru tal-persuna. Mill-assjem tal-provi, il-Qorti hi tal-fehma li dawn iz-zewg imputazzjonijiet gew ampjament ippruvati fil-konfront tal-imputat. Il-Qorti hi konvinta li l-imputat effettivament zamm lil Melanie Porto kontra l-volonta' taghha fil-kamra tieghu fil-likanda fejn kienet qed

tirresjedi, kif ukoll li pprova jkollu x’ jaqsam maghha sesswalment izda ma kienx lahaq ippenetra l-parti taghha. Dan wassal biex l-imputat ikkommetta r-reat ta’ attentat vjolenti ghall-pudur, izda mhux ta’ stupru vjolenti.

Kwantu ghall-piena, il-Qorti rat illi l-imputat baqa’ taht stat ta’ arrest mil-bidu tal-kaz sas-sentenza, u ghalhekk il-Qorti sejra taghti piena ta’ prigunerija effettiva, kif jimmerita l-kaz, li tinkorpora z-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv. In vista tal-fatt li r-reat, ghalkemm gravi hafna, ma kienx wiehed mill-aktar gravi li din il-Qorti rat quddiemha, anzi kien wiehed limitat, il-parametri tal-piena m’humiex ser ikunu vicin tal-massimu prefiss mil-ligi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 198, 201, 207, 86, 87 (g), 17, 23, 31 u 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati tal- ewwel (1) akkuza u ghaldaqstant tilliberah minnha.
Ssib lill- imputat hati tat- tieni (2) u t- tielet (3) akkuzi u ghaldaqstant tikkundannah terminu ta’ tlittax (13)- il xahar prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------